MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1370/2001/1

**Galleria Management Limited**
**Vs**
**Derby International Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi d-ditta konvenuta kienet tiggestixxi hanut fil-Galleria Shopping and Entertainment Centre, Fgura, u ghandha taghti lid-ditta attrici s-somma ta' Lm29,315.81, arretrati ta' kera u taxxa ghall-*maintenance* ta' l-*areas* komuni tal-kumpless, u kontribuzzjoni ghall-*marketing* (inkluzi l-imghaxxijiet legali sat-30 ta' April, 2001, kollox skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet, liema somma hija dovuta oltre s-somma ta' Lm4,000 li tifforma l-meritu ta'

kawza ohra bejn l-istess partijiet numru 1809/00JRM) pendenti quddiem din il-Qorti;

Peress illi d-ditta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan id-dejn, izda baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk id-ditta konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex, din il-Qorti:

(1) tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm29,315.81 (disa' u ghoxrin elf, tlett mija u hmistax-il lira maltija u wiehed u tmenin centezmu) kif fuq inghad.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi l-ebda pagament m'hu dovut kif pretiz mid-ditta attrici, u dan billi kienet din l-istess ditta attrici li naqset li tonera l-obbligi minnha assunti fil-lokazzjoni ghal liema ssir riferenza fl-istess citazzjoni;

Illi fi kwalsiasi kaz il-meritu huwa intimament konness ma' dak tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi Nru. 1809/00 u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-konnessjoni tal-liti;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi in kwantu l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' penali l-ebda penali ma hija dovuta billi s-socjeta' konvenuta kienet fl-impossibbilita' li tiftah l-istess hanut;

Illi fl-ahhar nett id-ditta konvenuta gja avvalliet ruhha mic-citazzjoni Nru. 1809/00 ta' l-atturi biex tistitwixxu kontro-talba u ghalhekk dina c-citazzjoni trid tinstema' flimkien mal-kawza gja pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 13;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza hija konnessa ma' l-ohra fl-istess ismijiet, numru 1809/00GV, u, permezz ta' digriet tat-22 ta' Novembru, 2001, fol 13 il-provi migjuba mill-partijiet fiz-zewg kawzi nstemghu flimkien u ghalhekk l-istess konsiderazzjonijiet li saru fil-kawza l-ohra ghandhom japplikaw ghall dina l-kawza.

Illi s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' Lm29,315.81 minghand il-konvenuti ghal kera, taxxa, maintenance tal-partijiet komuni u kontribuzzjoni ghall-*marketing* tal-fond proprjeta' taghha, Galleria Shopping and Entertainment Centre, gewwa l-Fgura, skond ftehim iffirmat bejniethom.

Il-konvenuti ma kkontestawx l-ammont mitlub imma qed jghidu illi xejn ma hu dovut ghax is-socjeta' attrici m'ottemperatx ruhha mal-ftehim. Dan il-punt gja gie deciz fil-kawza l-ohra.

Dwar l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti li tirrigwarda penali, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova siewja mill-konvenuti f'dan ir-rigward, u mkien ma jidher illi l-atturi talbu il-hlas ta' xi penali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddecidi billi:
Tilqa' t-talba attrici, u
tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, u
tikkundanna lill-konvenuti Derby International Limited thallas is-somma ta' disgha u ghoxrin elf, tliet mija u hmistax -il Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 29,315.81),

bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba,

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------